MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tas-16 ta' Gunju, 2009

Talba Numru. 334/2009

**Middlesea Insurance p.l.c. (Reg. Nru. 5553) kif surrogata bil-Ligi**
**u bil-polza tad-drittijiet tas-socjeta' E.C.B. Hotel & Catering Equipment Ltd. (Reg. Nru. 4729)**

**vs**

**Jet Services Ltd. (Reg. Nru. 16337)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet il-hlas tas-somma ta' elf, tlett mija u zewg Euro u sitta u erbghin centezmi (€1,302.46), rapprezentanti bilanc ta' disa' mija u sitta u tletin Euro u sitta u sittin centezmu (€936.66), liema somma giet imhallsa mis-socjeta' attrici, lill-assigurati taghhom, E.C.B. Hotel & Catering Equipment Ltd. (Reg. Nru. 4729), in konnessjoni ma' hsarat, danni u spejjez ohra sofferti mill-istess assigurat E.C.B. Hotel & Catering Equipment Ltd., konsistenti fi hsara *f'wine cooler*, minnu mpurtati flimkien ma' hwejjeg ohra fuq il-bastiment

m/v EurocargoValencia li wasal Malta fit-28 ta' April, 2008; is-socjeta' attrici giet issurrogata fid-drittijiet ta' l-istess assigurat. Dan oltre s-somma ta' tlett mija u hamsa u sittin Euro u tmenin centezmu (€365.80) spejjez inkorsi mis-socjeta' attrici in konnessjoni mas-*survey* li sar fuq il-hsarat.

Bl-ispejjez u bl-imghax mid-data li sar il-hlas lill-assigurat, sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta' konvenuta illi giet ngunta ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta' konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li s-socjeta' konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas is-somma ta' elf, tlett mija u zewg Euro u sitta u erbghin centezmu (€1,302.46), bl-imghax kif mitluba.  L-ispejjez huma a karigu tas-socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------